



Brussell, 15 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14091/1/17
REV 1 ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0105 (COD)

CODEC 1761
FRONT 459
VISA 418
COMIX 744

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Ir-Regolament li jistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ hija konsistenti mal-Iskema ta' Transitu ta' Kaliningrad li hemm provvediment għaliha fir-Regolament 693/2003¹, kif imfassal bħalissa.

Il-Kummissjoni se tiżgura l-konsistenza leġislattiva bejn dawn l-atti legali f'każ li l-Iskema ta' Transitu ta' Kaliningrad tiġi emendata fil-futur.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 693/2003 tal-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Transitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Transitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni, ĠU L99, 17.04.2003, p. 8.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija tapprezza ferm l-isforzi intensi tal-Presidenza Estonjana biex jintlaħaq kunsens wiesa' fost l-Istati Membri f'din il-kwistjoni importanti.

Madankollu, għad m'hemmx aċċess biżżejjed għas-sistema mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-identifikazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi jew persuni oħra li jkunu kisru r-regoli. Nittamaw li tinsab soluzzjoni għal din il-problema fi ħdan l-interoperabbiltà.

Barra minn hekk l-aċċess għas-sistema ta' dħul/ħruġ mill-awtoritajiet tal-asil kien ikun ta' vantaġġ bil-ħsieb tal-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-asil fl-Istati Membri. L-użu effettiv ta' sistemi bħall-EES – li ġiet innegożjata għal żmien twil b'ħafna riżorsi finanzjarji u tal-persunal – huwa indispensabbli. L-aċċess għall-EES mill-awtoritajiet tal-asil għal raġunijiet tal-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll għal raġunijiet tal-faċilitazzjoni tal-proċess u r-ritorni kien jikkostitwixxi l-benefiċċju addizzjonali ċentrali tal-EES.

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Ir-Repubblika tal-Kroazja tappoġġa l-għan ta' dan ir-Regolament minħabba li dan għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ u l-preservazzjoni ta' sitwazzjoni tas-sigurtà favorevoli fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea, li huwa prerekwiżit għal, fost l-oħrajn, il-kontroll aħjar u aktar operattiv tal-fruntieri esterni.

Dan l-għan għandu jitqies bħala l-oġġett ta' interess ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja tqis li huwa inaċċettabbli li dan ir-Regolament ma jiġix applikat mill-bidu nett tal-applikazzjoni operattiva tiegħu fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk bla bżonn u mingħajr l-ebda bażi jonqos l-effett tiegħu. Għandu jkun enfasizzat li bid-dħul fis-seħħ ta' din il-Proposta għal Regolament, id-dispożizzjoni eżistenti tal-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (SBC) u d-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala parti integrali tal-*acquis communautaire* ser jiġu sospiżi temporanjament. Ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tiġbed l-attenzjoni li, taħt it-titolu stess tal-Proposta għal Regolament, il-Kummissjoni Ewropea pprevediet l-implimentazzjoni tar-Regolament preċiżament fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni u b'hekk it-trattament ugwali tal-Istati Membri kollha.

In-nuqqas li r-Regolament jiġi applikat b'mod ugwali għall-membri sħaħ ta' Schengen u dawk li waslu biex isiru membri sħaħ, inkluż ir-Repubblika tal-Kroazja, jagħmel l-għan ta' dan ir-Regolament sekondarju, u minbarra li jhedded is-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea u l-għlieda effiċjenti kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, jintbagħat messaġġ negattiv lill-pubbliku Ewropew.

Mill-aspett ta' operat, in-nuqqas li dan ir-Regolament jiġi applikat b'mod ugwali jfisser li ma jkunx jista' jiġi rreġistrat it-tul tas-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq soġġorn qasir fl-UE minħabba n-nuqqas ta' aċċess għall-VIS permezz tal-EES, u għalhekk ma tkunx tista' tiġi vverifikata l-validità ta' viża ta' Schengen. Peress li r-Repubblika tal-Kroazja tirrikonoxxi din il-viża bħala ekwivalenti għall-viżi Kroati, tista' tippermetti d-dħul fit-territorju tagħha ta' detentur ta' viża mhux valida li qed jivvjaġġa lejn pajjiż taż-żona Schengen, dan kollu minħabba n-nuqqas ta' aċċess għall-VIS permezz tal-EES, li jiftaħ il-kwistjoni ta' Stat Membru responsabbli biex ikopri l-ispejjeż tar-ritorn ta' dawk il-persuni.

Barra minn hekk, in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-Repubblika tal-Kroazja jfisser nuqqas ta' aċċess għal data operazzjonali oħra dwar persuni li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea u ta' Schengen ta' spiss, inkluż terroristi potenzjali u persuni oħra suspettużi f'termini ta' sigurtà.

Tali applikazzjoni mhux uniformi tista' tbiddel id-direzzjoni tal-moviment ta' persuni li huma ta' theddida għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea lejn dawk il-fruntieri fejn din is-sistema ma tistax tiġi applikata. Fir-rigward tar-Repubblika tal-Kroazja, dan ikun ifisser bidla ta' direzzjoni għal madwar 1350 km mill-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea, b'kont meħud ukoll tal-pajjiżi terzi fejn hemm it-tendenza ta' aktar intolleranza, radikaliżmu u estremiżmu vjolenti, inċitat ukoll mill-fenomeni tal-għlieda terroristi barranin li jirritornaw minn żoni ta' gwerri lejn pajjiżhom, li wkoll iżid ir-riskju ta' terroriżmu għar-Repubblika tal-Kroazja.

Barra minn hekk, l-applikazzjoni mhux uniformi ta' dan ir-Regolament ikollu wkoll implikazzjonijiet serji fuq il-fluss tat-traffiku transfruntier billi minbarra l-kontrolli sistematiċi li ġew introdotti aktar hien huwa meħtieġ għall-ipproċessar manwali minflok dak awtomatizzat tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, u b'hekk tiġi mhedda l-adekwatezza tat-tfassil tal-profilu ta' sigurtà tal-passiġġieri mill-gwardji tal-fruntiera.

B'kont meħud ta' dan kollu li ngħad hawn fuq, bħala Stat Membru b'fruntiera esterna twila, ir-Repubblika tal-Kroazja hija interessata immens li ssib mod biex jiġi applikat dan ir-Regolament fuq il-fruntieri esterni kollha tal-Unjoni Ewropea sa mill-bidu nett tal-adozzjoni tiegħu, u b'hekk jiġi ottimizzat l-għan proprju tar-Regolament.
